IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Ottubru 2008

dwar l-Għajnuna mill-Istat Nru K 44/07 (ex N 460/07) li Franza qed tippjana li timplimenta favur l-impriża FagorBrandt

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 5995)

(It-test Franċiż biss huwa awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/485/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom b'mod konformi mal-Artikoli msemmijin [1] u wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet tagħhom,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) B'ittra datata s-6 ta' Awwissu 2007, Franza nnotifikat lill-Kummissjoni bl-għajnuna għar-ristrutturar favur il-grupp FagorBrandt.

(2) B'ittra datata l-10 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni informat lil Franza dwar id-Deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE dwar din l-għajnuna.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura (iktar 'il quddiem "id-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura") kienet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2]. Il-Kummissjoni sejħet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-għajnuna inkwistjoni.

(4) Il-Kummissjoni rċeviet l-osservazzjonijiet ta' tliet partijiet interessati, li huma żewġ kompetituri u l-benefiċjarju tal-għajnuna. Electrolux issottomettiet xi osservazzjonijiet b'ittra tal-14 ta' Diċembru 2007. Wara laqgħa mas-servizzi tal-Kummissjoni fl-20 ta' Frar 2008, din l-impriża ssottomettiet xi osservazzjonijiet oħra b'ittra tas-26 ta' Frar 2008 u tat-12 ta' Marzu 2008. Kompetitur li xtaq jibqa' anonimu ssottometta xi osservazzjonijiet b'ittra tas-17 ta' Diċembru 2007 [3]. FagorBrandt issottomettiet xi osservazzjonijiet b'ittra tas-17 ta' Diċembru 2007. Il-Kummissjoni tat dawn l-osservazzjonijiet lil Franza bl-ittra tal-15 ta' Jannar 2008 u tat-13 ta' Marzu 2008 filwaqt li tatha l-possibbiltà li tikkumenta dwarhom u rċeviet il-kummenti tagħha rispettivament b'ittra tal-15 ta' Frar 2008 u b'dokument sottomess waqt il-laqgħa tat-18 ta' Marzu 2008 (ara iktar 'il quddiem).

(5) B'ittra tat-13 ta' Novembru 2007, Franza tat l-osservazzjonijiet tagħha lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura. Fit-18 ta' Marzu 2008, saret laqgħa bejn is-servizzi tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet Franċiżi u FagorBrandt. Wara din il-laqgħa, l-awtoritajiet Franċiżi ssottomettew xi informazzjoni b'ittri tal-24 ta' April 2008 u tas-7 ta' Mejju 2008. Saret laqgħa oħra bejn l-istess partijiet fit-12 ta' Ġunju 2008. Wara din il-laqgħa, l-awtoritajiet Franċiżi ssottomettew xi informazzjoni b'ittra tad-9 ta' Lulju 2008. Fil-15 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni talbet għal informazzjoni addizzjonali, li ġiet ipprovduta mill-awtoritajiet Franċiżi fis-16 ta' Lulju 2008.

2. DESKRIZZJONI

(6) L-għajnuna inkwistjoni hija għajnuna għar-ristrutturar. L-ammont previst tal-għajnuna huwa ta' EUR 31 miljun. Din l-għotja ġejja mill-Ministeru Franċiż tal-Ekonomija, tal-Finanzi u tax-Xogħol.

[1] ĠU C 275, 16.11.2007, p. 18.

[2] Ara n-nota f'qiegħ il-paġna numru 1.

[3] Il-parti interessata inkwistjoni kienet talbet għall-estensjoni taż-żmien għal xahar biex tissottometti kummenti bit-telefon u b'ittra tas-16 ta' Diċembru 2007, u l-Kummissjoni ma opponietx għal dan.

(7) Il-benefiċjarju tal-għajnuna huwa FagorBrandt S.A., li għandu bosta sussidjarji li fi ħdanhom isiru l-attivitajiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni. Dan il-grupp (iktar 'il quddiem "FagorBrandt") huwa indirettament il-proprjetà tal-kumpanija Fagor Electrodomésticos S. Coop (iktar 'il quddiem "Fagor"), kooperattiva taħt il-liġi Spanjola. Il-kapital ta' din il-kumpanija kooperattiva huwa mqassam bejn madwar 3 500 membru (impjegati-assoċjati), u l-ebda wieħed minnhom ma jista' jkun fil-pussess ta' aktar minn 25 % tal-kapital tal-kooperattiva.

(8) Fagor stess huwa parti minn grupp ta' kooperattivi bl-isem Mondragón Corporación Cooperativa (iktar 'il quddiem "MCC"), li fi ħdanu kull kooperattiva żżomm l-awtonomija ġuridika u finanzjarja tagħha. Fagor jappartjeni lid-diviżjoni "Foyer" tal-grupp settorjali "Industrie" tal-MCC.

(9) FagorBrandt kellu fatturat ta' EUR 903 miljun fl-2007. Huwa preżenti fl-oqsma kollha tal-apparat domestiku kbir, u b'ħekk ikopri tliet familji kbar ta' prodotti: il-ħasil (dishwashers, magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ, tumble driers, magni tal-ħasil u tat-tnixxif tal-ħwejjeġ), it-tkessiħ (fridges, chest freezers u fridge freezers) u t-tisjir (fran tradizzjonali, *microwaves, cookers, hobs, hoods*).

(10) Fit-taqsima 2.1 tad-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura, il-Kummissjoni pprovdiet aktar informazzjoni dwar il-benefiċjarju u spjegat ir-raġunijiet tad-diffikultajiet tiegħu.

3. IR-RAĠUNIJIET LI WASSLU GĦAL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA

(11) Il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha minħabba l-ħames raġunijiet li ġejjin: (i) ir-riskju ta' evażjoni tal-projbizzjoni ta' għajnuna għar-ristrutturar lill-impriżi ġodda; (ii) ir-riskju ta' evażjoni tal-obbligu li titħallas lura l-għajnuna inkompatibbli; (iii) dubju dwar ir-ritorn tal-impriża għall-vijabilità fuq żmien twil; (iv) insuffiċjenza tal-miżuri kompensatorji; (v) dubju dwar il-limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu meħtieġ, u b'mod partikolari dwar il-kontribuzzjoni tal-benefiċjarju.

3.1. Ir-riskju ta' evażjoni tal-projbizzjoni ta' għajnuna għar-ristrutturar lill-impriżi ġodda

(12) Peress li FagorBrandt twaqqfet f'Jannar 2002, hija kienet, skont il-paragrafu 12 tal-*Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuniet mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà* (minn hawn 'il quddiem "il-linji gwida għar-ristrutturar") ([4]) impriża ġdida sa Jannar 2005, jiġifieri tliet snin wara t-twaqqif tagħha. Dan ifisser li kemm fil-mument meta l-impriża ibbenefikat mill-eżenzjoni fiskali li kienet prevista fl-Artikolu 44f tal-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxa (minn issa 'l quddiem "l-għajnuna 44f"), kif ukoll fil-mument meta, f'Diċembru 2003, il-Kummissjoni iddikjarat li din l-għajnuna kienet inkompatibbli u ordnat l-irkupru tagħha ([5]), FagorBrandt kienet impriża ġdida. Għalhekk skont il-paragrafu 12 tal-linji gwida għar-ristrutturar, ma kinitx eliġibbli għal għajnuna għar-ristrutturar. Għalhekk, id-dewmien minn Franza fl-irkupru tal-għajnuna li kienet iddikjarata bħala inkompatibbli f'Diċembru 2003 sal-mument meta l-impriża ma kinitx għadha impriża ġdida u għalhekk saret eliġibbli biex tirċievi l-għajnuniet għar-ristrutturar, jista' jitqies bħala evażjoni tal-projbizzjoni prevista fil-paragrafu 12 tal-linji gwida għar-ristrutturar.

3.2. Ir-riskju ta' evażjoni tal-obbligu li titħallas lura l-għajnuna inkompatibbli

(13) Wara li osservat li l-għajnuna nnotifikata tidher li l-biċċa l-kbira tagħha għandha tintuża biex tiffinanzja l-ħlas lura tal-għajnuna 44f, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha dwar jekk din l-għajnuna nnotifikata hijiex evażjoni tal-obbligu li titħallas lura din l-għajnuna inkompatibbli u jekk tneħħix is-sostanza u l-effett utli tal-irkupru ta' din l-għajnuna.

3.3. Dubji dwar il-vijabilità tal-impriża fuq żmien twil

(14) Rigward ir-ritorn tal-impriża għall-vijabilità fuq żmien twil, il-Kummissjoni esprimiet żewġ dubji. Minn naħa, il-Kummissjoni, wara li osservat li l-fatturat mistenni għall-2007 żdied b'madwar 20 % meta mqabbel ma' dak tas-sena ta' qabel, staqsiet fuq liema elementi kien ibbażat dan it-tbassir. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni nnotat li l-pjan għar-ristrutturar ma kienx jindika kif FagorBrandt kien ser jagħmel biex jiffaċċja l-ħlas lura tal-għajnuna inkompatibbli li ngħatat lis-sussidjaraja Taljana tiegħu.

3.4. L-insuffiċjenza tal-miżuri kompensatorji

(15) Il-Kummissjoni esprimiet ukoll xi dubji li n-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-miżuri kompensatorji addizzjonali flimkien ma' dawk li diġà ttieħdu fil-qafas tal-pjan għar-ristrutturar huwa aċċettabbli. Il-Kummissjoni fakkret li:

(i) Il-linji gwida għar-ristrutturar (paragrafi 38 sa 41) jobbligaw lill-benefiċjarji li jissodisfaw il-kriterju ta' "impriża kbira" jimplimentaw xi miżuri kompensatorji;

(ii) Minn naħa, mingħajr l-għajnuna, FagorBrandt ikollu joħroġ mis-suq u, min-naħa l-oħra, il-kompetituri ta' FagorBrandt huma fil-maġġoranza Ewropej. Għalhekk it-tluq ta' FagorBrandt kieku jippermetti lill-kompetituri Ewropej iżidu l-bejgħ u l-produzzjoni tagħhom għal ammonti sinifikattivi.

([4]) ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/343/KE tas-16 ta' Diċembru 2003, dwar l-iskema ta' għajnuniet mill-Istat implimentata minn Franza għall-akkwist ta' impriżi f'diffikultà, ĠU L 108, 16.4.2004, p. 38.

(iii) Jidher li l-miżuri kollha diġà implimentati, fuq il-bażi tal-paragrafu 40 tal-linji gwida għar-ristrutturar, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala miżuri kompensatorji.

(iv) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni enfasizzat li l-linji gwida li kienu fis-seħħ meta ġew investigati l-każijiet Bull ([6]) u Euromoteurs ([7]), invokati minn Franza ma kinux jobbligaw l-implimentazzjoni ta' miżuri kompensatorji. Hija indikat ukoll differenzi oħra ewlenin bejn dawn il-każijiet u l-każ inkwistjoni.

3.5. **Dubji dwar il-kontribuzzjoni tal-benefiċjarju**

(16) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni esprimiet xi dubji dwar jekk il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikoli 43 u 44 tal-linji gwida għar-ristrutturar kinux issodisfati. Minn naħa, l-awtoritajiet Franċiżi ma inkludewx il-ħlas lura tal-għajnuna 44f fl-ispejjeż għar-ristrutturar u, min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet Franċiżi ma spjegawx minn fejn kienu ġejjin ċerti ammonti mniżżlin bħala "sforz proprju tal-benefiċjarju".

4. **OSSERVAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET INTERESSATI**

4.1. **L-osservazzjonijiet tal-impriża Electrolux**

(17) Electrolux tindika li sabiex tiffaċċja l-isfidi tal-kompetizzjoni dinjija, hija implimentat xi pjanijiet għar-ristrutturar kbar u għaljin ħafna. Sabiex tibqa' kompetittiva, l-impriża kienet obbligata tieħu miżuri drastiċi bħall-għeluq ta' tmien fabbriki fl-Ewropa tal-Punent, li l-produzzjoni tagħhom tressqet prinċipalment lejn fabbriki oħra li jeżistu fl-Ewropa u lejn fabbriki ġodda fil-Polonja u l-Ungerija. Il-maġġoranza tal-impriżi tas-settur "apparat domestiku kbir" għamlu operazzjonijiet għar-ristrutturar simili. Għalhekk, din l-impriża ilmentat dwar il-fatt li FagorBrandt jista' jieħu sussidju biex jiffaċċja sitwazzjoni li l-bqija tas-settur għandu jaffronta mingħajr ma jirċievi għajnuna simili. Għalhekk l-għajnuna tikkostitwixxi distorsjoni tal-kompetizzjoni b'dannu għal impriżi oħra.

4.2. **L-osservazzjonijiet tat-tieni kompetitur**

(18) L-ewwel nett, dan il-kompetitur, li jixtieq jibqa' anonimu, jemmen li l-għajnuna ippjanifikata mhux ser tippermetti lill-impriża terġa' tistabbilixxi l-vijabilità fuq żmien twil. Huwa jemmen li organizzazzjoni mill-ġdid industrijali sostanzjali hija meħtieġa biex tiżgura s-sopravivenza tal-impriża. Madankollu, dan il-kompetitur jemmen li FagorBrandt mhux ser ikollu mezzi biex jiffinanzja l-investimenti meħtieġa. L-għajnuna lanqas m'hi ser tippermetti lil FagorBrandt jilħaq id-daqs meħtieġ biex titjieb il-pożizzjoni tiegħu fin-negozjar ma' distributuri kbar li jippreferu l-forniturи li għandhom preżenza akbar fl-Unjoni Ewropea.

(19) It-tieni nett, il-kompetitur jemmen li l-għajnuna mhijiex limitata għall-minimu meħtieġ għaliex FagorBrandt jista' jikseb il-finanzjamenti meħtieġa għar-ristrutturar tiegħu mill-azzjonist tiegħu u mill-kooperattiva (jiġifieri MCC, li jagħmel parti minnha l-bank Caja Laboral) li lilha jappartjeni dan tal-aħħar.

(20) It-tielet nett, il-kompetitur jemmen li l-għajnuna hija ta' tali natura li taffettwa l-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Minn naħa, il-maġġoranza tal-impriżi tas-settur jipproduċu fl-Ewropa u għalhekk jistgħu jiġu kkunsidrati bħala Ewropej. Il-kompetituri Ażjatiċi u Torok huma preżenti b'mod sinifikanti biss fuq ċerti prodotti. Min-naħa l-oħra, FagorBrandt huwa l-ħames l-akbar attur fuq il-livell Ewropew u għandu pożizzjoni b'saħħitha fis-swieq Franċiżi, Spanjoli u tal-Polonja. Il-kompetitur għalhekk jemmen li fin-nuqqas ta' miżuri kompensatorji, l-għajnuna ma tkunx tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mill-Kummissjoni.

(21) Ir-raba' nett, l-allokazzjoni fil-passat ta' għajnuniet illegali minn Franza u l-Italja twassal għal żewġ konklużjonijiet: minn naħa, id-diffikultajiet ta' FagorBrandt huma rikorrenti, u dan jitfa' dubju fuq il-vijabilità tiegħu; min-naħa l-oħra, l-għajnuna nnotifikata probabbilment tintuża għall-ħlas lura tal-għajnuniet illegali, u b'hekk ikun qiegħed isir evażjoni tal-ħlas lura.

4.3. **L-osservazzjonijiet ta' FagorBrandt**

(22) L-osservazzjonijiet ta' FagorBrandt huma simili għall-osservazzjonijiet tal-awtoritajiet Franċiżi, li huma miġbura fil-qosor hawn taħt.

5. **KUMMENTI TA' FRANZA**

5.1. **Il-kummenti ta' Franza dwar id-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura**

(23) Rigward evażjoni possibbli tal-projbizzjoni tal-għajnuniet għar-ristrutturar għall-impriżi ġodda, l-awtoritajiet Franċiżi ma jikkuntestawx li FagorBrandt għandu jiġi kkunsidrat bħala "impriża ġdida" matul it-tliet snin wara t-twaqqif tiegħu b'mod konformi mal-paragrafu 12 tal-linji gwida għar-ristrutturar. Huma josservaw madankollu li l-kwistjoni tal-possibbiltà ta' għajnuna għar-ristrutturar għall-benefiċċju ta' FagorBrandt bdiet tiġi kkunsidrata biss fl-2006 wara d-diffikultajiet li kellu mill-2004 u minħabba d-deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu mill-2005, jiġifieri matul il-ħames sena tal-eżistenza tiegħu. Fi kliem ieħor, l-impriża ma kellhiex raġunijiet biex titlob għall-għajnuna għar-ristrutturar qabel ma tkun f'sitwazzjoni li tiġġustifika din l-għajnuna, jiġifieri fl-2006. Għalhekk, id-dubju dwar evażjoni possibbli tar-Regolament tat-"tliet snin" huwa irrilevanti.

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/941/KE tal-1 ta' Diċembru 2004 dwar l-għajnuna li Franza qed tippjana li timplimenta favur il-kumpanija Bull, ĠU L 342, 24.12.2005, p. 81, punti 55 sa 63.

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/747/KE tas-26 ta' April 2006 dwar l-għajnuna mill-Istat li Franza qed tippjana li timplimenta favur Euromoteurs (C 1/2005 (ex N 426/2004)), ĠU L 307, 7.11.2006, p. 213, punti 30 sa 31 u 42.

(24) Rigward il-possibbiltà li l-għajnuna nnotifikata tneħħi l-effett utli tal-obbligu ta' ħlas lura, Franza tfakkar li l-impriża mhijiex f'diffikultà biss minħabba l-ħlas lura tal-għajnuna. Id-diffikultajiet finanzjarji fil-fatt bdew fl-2004 u s-sitwazzjoni marret ħafna għall-agħar fl-2005 u l-2006. Kif ikkonkludiet il-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura, l-impriża hija tassew f'diffikultà skont il-linji gwida għar-ristrutturar. Minn dan Franza tikkonkludi li l-impriża hija, skont dan, *eliġibbli* għal għajnuna għar-ristrutturar jekk il-kundizzjonijiet l-oħra għal għajnuna bħal din huma ssodisfati wkoll. Il-kwistjoni jekk l-impriża tistax tibqa' teżisti jew sas-sena 2007 jew l-2008 jekk ma tħallasx lura l-għajnuna hija irrilevanti, għaliex il-ħlas lura tal-għajnuna huwa obbligatorju, u dan, mid-deċiżjoni negattiva tal-Kummissjoni dwar l-iskema tal-Artikolu 44f f-2003. Għalhekk huwa tassew l-akkumulazzjoni tad-diffikultajiet finanzjarji li jiġġustifika t-talba għall-għajnuna, diffikultajiet li ġejjin mill-ispejjeż għar-ristrutturar diġà mħallsa mill-impriża, min-nuqqas ta' finalizzazzjoni tar-ristrutturar u wkoll mill-ispejjeż kollha l-oħra li l-impriża għandha tikkunsidra, u dan inkluż il-ħlas lura tal-għajnuna.

(25) Rigward ir-ritorn għall-vijabilità fuq żmien twil u ż-żewġ dubji relatati li kienu msemmija fid-deċiżjoni tal-fluħ, l-awtoritajiet Franċiżi osservaw l-elementi li ġejjin. Rigward it-tbassir dwar iż-żieda b'20 % tal-fatturat tal-2007 meta mqabbel mas-sena finanzjarja 2006, dan jista' jiġi spjegat prinċipalment mill-modifikazzjoni tal-medda tal-attivitajiet ta' FagorBrandt li saret fl-2006. Fir-rigward tannuqqas ta' konsiderazzjoni tal-ħlas lura tal-għajnuna illegali mogħtija lis-sussidjarja Taljana (allokata fil-qafas tatteħid ta' kontroll minn Brandt Italia tal-attivitajiet tal-apparati domestiċi ta' Ocean Spa), l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li dan il-ħlas lura m'għandux jaffettwa l-vijabilità tal-impriża, meta jiġi kkunsidrat li l-ammont li fl-aħħar għandu jitħallas minn Brandt Italia għandu jkun inqas minn EUR [< 1 miljun] (*), peress li l-bilanċ huwa mħallas mill-bejjiegħ tal-attivitajiet inkwistjoni.

(26) Rigward in-nuqqas ta' miżuri kompensatorji, Franza tirrepeti li l-impriża fl-2004 diġà kienet biegħet il-kumpanija Brandt Components (sit ta' Nevers). Min-naħa l-oħra, il-kumpanija naqset il-kapaċità tagħha ta' produzzjoni billi waqfet il-produzzjoni ta' chest freezers u ta' free-standing microwaves. L-awtoritajiet Franċiżi jfakkru wkoll li l-għajnuna wasslet għal distorsjoni żgħira ħafna, u dan inaqqas il-ħtieġa ta' miżuri kompensatorji. Fil-fatt, FagorBrandt għandu [0-5] % tas-sehem tas-suq fuq il-livell Ewropew, li huwa ammont żgħir ħafna meta mqabbel mal-kompetituri ewlenin tiegħu. L-awtoritajiet Franċiżi jaħsbu wkoll li l-preżenza tal-impriża fis-suq tippermetti li jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' oligopolju. Matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-awtoritajiet Franċiżi pproponew li jimplimentaw xi miżuri kompensatorji addizzjonali.

(27) Rigward id-dubji tal-Kummissjoni dwar il-limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu u l-kontribuzzjoni proprja tal-benefiċjarju, l-awtoritajiet Franċiżi osservaw l-elementi li ġejjin. Rigward in-nuqqas ta' konsiderazzjoni tal-ħlas lura tal-għajnuna fl-ispejjeż għar-ristrutturar, huma jindikaw li l-ħlas lura ta' għajnuna inkompatibbli ma jistax ikun, *a priori*, ikkwalifikat bħala spejjeż għar-ristrutturar. Rigward l-"isforz proprju tal-benefiċjarju" kif kien imsemmi fin-notifika, l-awtoritajiet Franċiżi spjegaw li dan kien self mill-bank.

(*) Informazzjoni koperta mis-sigriet professjonali.

5.2. **Il-kummenti ta' Franza dwar l-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati**

(28) Rigward il-kummenti ta' Electrolux, Franza tenfasizza li l-miżuri għar-ristrutturar li ttieħdu minn Electrolux u kompetituri oħra ma kellhomx l-iskop li titranġa s-sitwazzjoni ekonomika diffiċli iżda li tissaħħaħ pożizzjoni fis-suq tal-apparat domestiku kbir. Franza temmen ukoll li s-sitwazzjonijiet ta' FagorBrandt u l-kompetituri tiegħu, li fil-fatt għandhom mezzi finanzjarji ħafna akbar minħabba li huma ta' daqs akbar, ma jistgħux jitqabblu.

(29) Rigward il-kummenti dwar il-vijabilità fuq żmien twil ta' FagorBrandt li tat l-impriża li talbet li tibqa' anonima, l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw, l-ewwel nett, li FagorBrandt ħa xi miżuri li għall-ewwel kellhom l-iskop li jwaqqfu t-telf u li jsaħħu l-marġini ta' qligħ sabiex ikun jista', wara tant żmien, jilħaq pożizzjoni aħjar fis-suq, b'mod partikolari bl-iżvilupp ta' […]. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Franċiżi jemmnu li FagorBrandt ser ikompli jkollu għad-dispożizzjoni kapaċitajiet reali ta' R & Ż *"li jippermettulu jpoġġi fis-suq prodotti innovattivi u b'valur miżjud għoli."*

(30) Rigward l-affermazzjoni li l-għajnuna mhijiex limitata għall-minimu għaliex FagorBrandt jista' jsib finanzjament mill-azzjonisti tiegħu, l-awtoritajiet Franċiżi jenfasizzaw li l-MCC mhijiex entità holding iżda moviment kooperattiv. F'dan il-moviment kooperattiv, kull kooperattiva inkluża Fagor jew il-bank Caja Laboral hija indipendenti u tiddependi fuq id-deċiżjonijiet tal-ħaddiema-kooperaturi proprji tagħha, li huma l-proprjetarji. FagorBrandt għalhekk jista' biss jiddependi fuq l-appoġġ finanzjarju ta' Fagor, li huwa limitat għall-kapaċitajiet attwali ta' dan tal-aħħar. L-akkwist ta' FagorBrandt naqqas il-libertà ta' manuvrar ta' Fagor fil-fondi u Fagor illum ma jistax japprova finanzjamenti aktar għoljin minn ċertu livell.

(31) It-tielet nett, b'risposta għall-effetti negattivi preżunti fuq il-kompetizzjoni, l-awtoritajiet Franċiżi nnotaw xi kontradizzjonijiet fl-osservazzjonijiet tal-parti interessata li talbet li tibqa' anonima. Minn naħa din tal-aħħar tafferma li l-għajnuna tista' taffettwa il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq Ewropew. Min-naħa l-oħra, hija tafferma li FagorBrandt għandu daqs żgħir wisq meta mqabbel mal-impriżi ewlenin, u dan ipoġġi l-vijabilità tiegħu fil-periklu. Barra minn hekk, rigward in-nuqqas ta' miżuri kompensatorji, l-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li huma diġà implimentaw xi miżuri kompensatorji validi u li qegħdin jipproponu li jimplimentaw oħrajn ġodda.

(32) Ir-raba' nett, b'risposta għall-affermazzjonijiet ibbażati fuq l-allokazzjoni fil-passat ta' għajnuniet illegali minn Franza u l-Italja, Franza tfakkar li dawn l-għajnuniet illegali ma kinux qegħdin jimmiraw għal programm ta' ristrutturar tal-impriża iżda sistema bl-iskop li tiffavorixxi ż-żamma tax-xogħol fit-territorju. Barra minn hekk, Franza tenfasizza, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta fis-17 ta' Diċembru 2007 minn FagorBrandt lill-Kummissjoni, li mhemmx kollegament reali bejn l-ammont tal-għajnuna allokata (madwar EUR 20 miljun ta' għajnuna netta wara t-taxxa) u l-ammont tal-għajnuna inkompatibbli (madwar EUR [25-30] miljun wara l-kalkolu tal-imgħax). Barra minn hekk, l-ispejjeż għar-ristrutturar ġew evalwati għal EUR [50-90] miljun u għalhekk ħafna aktar mill-ammont mitlub tal-għajnuna għar-ristrutturar. Fl-aħħar nett, huma jfakkru fin-natura funġibbli tal-ispejjeż.

(33) Rigward il-kummenti li ssottometta FagorBrandt lill-Kummissjoni, l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li huma ma jistgħux jaqblu mal-elementi ta' kjarifika, aktar u aktar minħabba li dawn ġew ippreżentati bħala suppliment għall-osservazzjonijiet tagħhom stess.

6. EVALWAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

6.1. L-eżistenza ta' għajnuna skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE

(34) Fit-taqsima 3.1 tad-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżura hija għajnuna skont l-Aritkolu 87(1) tat-Trattat KE. L-ebda waħda mill-partijiet interessati ma kkontestat din il-konklużjoni.

6.2. Bażi ġuridika tal-evalwazzjoni

(35) L-Artikolu 87(2 u 3) tat-Trattat jipprevedi xi derogi għall-inkompatibbiltà ġenerali prevista fil-paragrafu 1 tal-istess Artikolu. Id-derogi previsti fl-Artikolu 87(2) tat-Trattat żgur mhumiex applikabbli għall-każ inkwistjoni.

(36) Rigward id-derogi previsti fl-Artikolu 87(3) tat-Trattat, il-Kummissjoni tosserva li peress li l-għan tal-għajnuna mhuwiex reġjonali u peress li d-deroga tal-punt b) tal-paragrafu msemmi żgur mhuwiex applikabbli, id-deroga stabbilita fil-punt c) biss tapplika. Din tipprevedi l-awtorizzazzjoni tal-għajnuniet mill-Istat li għandhom l-iskop li jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi, meta dawn ma jbiddlux il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod kontra l-interess komuni. F'dan il-kuntest, huwa kostanti li l-għajnuniet ġew allokati bl-iskop li terġa' tiġi stabbilita l-vijabilità fuq żmien twil ta' impriża f'diffikultà. Il-Kummissjoni wriet kif tevalwa l-kumpatibbiltà ta' għajnuniet bħal dawn fil-linji gwida għar-ristrutturar. Għalhekk huma dawn tal-aħħar li ser jintużaw bħala bażi ġuridika għall-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni taħseb li ma jista' japplika ebda qafas Komunitarju ieħor għall-każ inkwistjoni. Fil-fatt Franza ma invokat ebda deroga oħra tat-Trattat. Barra minn hekk, l-ebda waħda mill-partijiet interessati ma kkritikat l-għażla ta' din il-bażi ġuridika, li diġà kienet imħabbra fid-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura.

6.3. L-eliġibilità tal-impriża għall-għajnuniet għar-ristrutturar

(37) Sabiex tibbenefika minn għajnuniet għar-ristrutturar, l-impriża għandha, l-ewwel nett, tkun tista' tiġi kkunsidrata bħala impriża f'diffikultà, kif stabbilit fit-taqsima 2.1 tal-linji gwida għar-ristrutturar.

(38) Fil-paragrafu 24 tad-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura, il-Kummissjoni indikat li l-impriża tidher li hija f'diffikultà skont il-paragrafu 11 tal-linji gwida għar-ristrutturar. Fil-paragrafu 27 tad-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura, il-Kummissjoni indikat ukoll li, b'mod konformi mal-paragrafu 13 tal-linji gwida għar-ristrutturar, id-diffikultajiet tal-impriża saru serji wisq biex ikunu jistgħu jiġu ffinanzjati mill-azzjonist Spanjol tagħha. B'mod kontrarju għal dan l-evalwazzjoni preliminari, il-kompetitur li talab li jibqa' anonimu jemmen li FagorBrandt jista' jikseb minn Fagor u l-MCC l-appoġġ finanzjarju meħtieġ biex jiffaċċja d-diffikultajiet tiegħu. Għalhekk għandu jiġi analizzat jekk l-evalwazzjoni preliminari li saret fid-deċiżjoni tal-fluħ ta' proċedura għandhiex tiġi emendata. Il-Kummissjoni tosserva li l-kompetitur jibbaża l-affermazzjoni tiegħu fuq artiklu li deher fl-istampa ([8]) li donnu jindika li Fagor jista' faċilment jiġġenera xi fondi mis-swieq finanzjarji. Madankollu, il-Kummissjoni tosserva li dan l-artiklu kien miktub f'April 2005 u li s-sitwazzjoni finanzjarja ta' Fagor marret ħafna għall-agħar wara. L-awtoritajiet Franċiżi jfakkru rigward dan li d-debiti finanzjarji ta' Fagor (eskluż il-konsolidazzjoni tad-debiti ta' FagorBrandt) […] ([9]) fl-2005, b'mod partikolari wara l-akkwist tat-titoli ta' FagorBrandt u wara investimenti industrijali kbar f'Fagor. Barra minn hekk, Fagor investiet EUR 26,9 miljun ta' kapital f'FagorBrandt fl-2006. Dawn l-elementi kollha kważi ħlew il-kapaċità tad-debiti tal-kooperattiva, li għandha proporzjoni tad-debiti li qabżu sew il-limiti li ġeneralment huma awtorizzati. Il-Kummissjoni għalhekk temmen li mhux meħtieġ li tiġi riveduta l-evalwazzjoni li saret fid-deċiżjoni tal-fluħ dwar l-eliġibilità tal-impriża fuq il-bażi tal-paragrafu 11 u 13 tal-linji gwida għar-ristrutturar.

(39) Rigward l-eliġibilità tal-impriża fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-taqsima 2.1 tal-linji gwida għar-ristrutturar, id-deċiżjoni tal-fluħ twassal għal dubju wieħed biss, li huwa evażjoni possibbli tal-projbizzjoni tal-għajnuna għar-ristrutturar għall-impriżi ġodda (ara il-punt 3, hawn fuq, "Ir-raġunijiet li wasslu għall-ftuħ tal-proċedura").

([8]) Gazzetta "*La Tribune*" tal-14 ta' April 2005.
([9]) Aqra "żdiedu b'mod sinifikanti".

(40) Il-Kummissjoni analizzat is-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriża, li hija spjegata fit-Tabella Nru 1 hawn taħt. Jidher b'mod ċar li, matul l-ewwel tliet snin ta' eżistenza tagħha, l-impriża, minkejja li kienet ħallset lura l-għajnuna 44f, ma kinitx tissodisfa l-kriterji previsti fil-paragrafi 10 u 11 tal-linji gwida għar-ristrutturar sabiex tiġi kkunsidrata f'diffikultà: rigward il-paragrafu 10 tal-linji gwida għar-ristrutturar, jidher li, minkejja li l-impriża kienet ħallset lura l-għajnuna ta' EUR 22,5 miljun mill-2004 (jiġifieri fix-xhur wara id-Deċiżjoni finali negattiva tal-Kummissjoni), hija kienet għadha ma tilfitx nofs il-fondi proprji tagħha fl-2004. Rigward il-paragrafu 11 tal-linji gwida għar-ristrutturar, minkejja li l-impriża kienet ħallset lura l-għajnuna ta' EUR 22,5 miljun mill-2004, hija kellha biss sena waħda li fiha sar telf (2004), u dan mhuwiex biżżejjed sabiex tiġi kkunsidrata f'diffikultà fuq il-bażi ta' dan il-paragrafu. Għalhekk għandu jiġi osservat li d-diffikultajiet finanzjarji tal-grupp Fagor-Brandt marru għall-aġħar mis-sena 2005, b'mod li l-impriża tista' tiġi kkunsidrata bħala impriża f'diffikultà skont il-linji gwida għar-ristrutturar (jiġifieri, impriża li, "*fin-nuqqas ta' intervent estern mill-awtoritajiet pubbliċi*" qiegħda timxi "*lejn mewta ekonomika kważi ċerta fuq żmien qasir jew medju*") mingħajr dubju mis-sena ta' wara (filwaqt li jiġi kkunsidrat l-obbligu li titħallas lura l-għajnuna 44f) u ċertament fl-2007.

Tabella 1

[(f'miljun ta' EUR)

	2002	2003	2004	2005	2006	2007
Fatturat	847,1	857,6	813,2	743,6	779,7	903,0
Marġini gross	205,2	215,1	207,0	[…]	[…]	[…]
Riżultat nett	15,5	13,8	(3,6)	[…]	[…]	[…]
Fondi proprji	69,8	83,4	79,8	[…]	[…]	[…]

(41) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li matul l-ewwel semestru tas-sena 2005, il-grupp Fagor ħa d-deċiżjoni li jixtri 90 % tal-ishma tal-impriża bi prezz ta' EUR [150-200] miljun. Dan juri li s-suq ma kienx jikkunsidra li l-impriża kienet f'diffikultà skont il-linji gwida għar-ristrutturar, jiġifieri impriża li, fin-nuqqas ta' intervent estern tal-awtoritajiet pubbliċi, qiegħda timxi lejn mewta ekonomika kważi ċerta fuq żmien qasir jew medju.

(42) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal qabel, il-Kummissjoni temmen li l-impriża, li twaqqfet f'Jannar 2002, ma setgħetx tiġi kkunsidrata f'diffikultà matul l-ewwel tliet snin tal-eżistenza tagħha, anke jekk kienet ħallset lura l-għajnuna 44f minnufih. Għalhekk, hija temmen li l-ittardjar min-naħa ta' Franza tal-irkupru tal-għajnuniet 44f sa Jannar tal-2005 – jiġifieri tliet snin wara t-twaqqif ta' FagorBrandt – ma kellux effett li jżomm imrpiża ħajja b'mod artifiċjali, li, fin-nuqqas, kienet toħroġ mis-suq. Hija temmen ukoll li matul dan il-perijodu, l-impriża ma kellhiex raġuni li titlob għajnuna għar-ristrutturar. Fuq il-bażi ta' dak li ntqal qabel, il-Kummissjoni temmen li l-ittardjar min-naħa ta' Franza fl-irkupru tal-għajnuniet 44f sa' Jannar tal-2005 mhuwiex evażjoni tal-projbizzjoni tal-għajnuna għar-ristrutturar favur l-impriżi ġodda skont il-paragrafu 12 tal-linji gwida għar-ristrutturar.

(43) B'konklużjoni, id-dubji dwar l-eliġibilità tal-impriża twarrbu u l-Kummissjoni temmen li tissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fit-taqsima 2.1 tal-linji gwida għar-ristrutturar.

6.4. **Id-dispożizzjonijiet relatati mal-benefiċjarji ta' għajnuniet illegali fil-passat**

(44) Fuq il-bażi tal-paragrafu 23 tal-linji gwida għar-ristrutturar u mill-fatt li l-għajnuna nnotifikata tidher li fil-biċċa l-kbira tintuża biex tiffinanzja l-ħlas lura tal-għajnuna 44f, il-paragrafu 30 tad-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura jwarrab id-dubji li l-għajnuna nnotifikata hija evażjoni mill-obbligu ta' ħlas lura u tneħħi s-sustanza u l-effett utli ta' dan tal-aħħar.

(45) Fl-evalwazzjoni tagħha ta' din il-kwistjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat l-elementi li ġejjin.

(46) L-ewwel nett, skont ġurisprudenza kostanti, il-ħlas lura ta' għajnuniet inkompatibbli bl-imgħax jippermetti li terga' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel ma saret l-allokazzjoni tal-għajnuna u għalhekk tiġi eliminata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni li din tikkawża. Għalhekk, f'dan il-każ, il-ħlas lura tal-għajnuna 44f bl-imgħax – li taffettwa l-ħlas tal-għajnuna l-ġdida – għandu jerġa' jistabbilixxi s-sitwazzjoni li kien hemm qabel l-allokazzjoni tagħha.

(47) It-tieni nett, l-impriża hija eliġibbli għal għajnuniet għar-ristrutturar. Fil-fatt, l-ewwel nett, id-diffikultajiet finanzjarji tal-impriża mhumiex ġejjin prinċipalment mill-ħlas lura tal-għajnuna inkompatibbli. Dawn ġejjin minn sorsi oħra, li huma l-kawża tat-telf li sar mill-2004 (ara it-Tabella 1 hawn fuq). Il-ħlas lura fil-futur tal-għajnuna inkompatibbli tista' biss taggrava dawn id-diffikultajiet sal-punt fejn l-impriża ma tkunx tista' tiffaċċjahom aktar mingħajr l-għajnuna mill-Istat. It-tieni nett, ġie implimentat pjan għar-ristrutturar tal-attivitajiet li l-ispiża tiegħu kienet ta' EUR [50-90] miljun. Dan juri li r-ristrutturar operazzjonali meħtieġ sabiex jerġa' jiġi stabbilit r-rendiment tal-attivitajiet jikkawża spejjeż kbar ħafna, akbar mill-ħlas lura tal-għajnuna 44f li hija ta' EUR 22,5 miljun, imgħaxijiet mhux inklużi. Dawn l-elementi juru li FagorBrandt hija impriża f'diffikultà li l-eżistenza tagħha tinsab fil-periklu. Għalhekk tista', bħal kull impriża f'sitwazzjoni bħal din, tibbenefika minn għajnuniet għar-ristrutturar jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet l-oħra previsti fil-linji gwida għar-ristrutturar.

(48) It-tielet nett, fid-Deċiżjoni tagħha tal-1991 dwar il-każ Deggendorf ([10]), li tosserva li "*L-għajnuniet allokati b'mod illegali li Deggendorf ilha tirrifjuta li tħallas lura mill-1986 u l-għajnuniet ġodda[…] għandhom bħala effett akkumulat li jagħtu lil din il-kumpanija vantaġġ eċċessiv u indebitu li jbiddel il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod kuntrarju għall-interess komuni*", il-Kummissjoni kkunsidrat l-għajnuniet ġodda huma kompatibbli bil-kundizzjoni li "*l-awtoritajiet […] huma obbligati li jwaqqfu l-ħlas tal-għajnuniet […] lill-kumpanija Deggendorf sakemm ikunu għadhom ma pproċedewx għall-irkupru tal-għajnuniet inkompatibbli […]*". Fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Mejju 1997 ([11]), il-Qorti tal-Ġustizzja approvat l-approċċ adottat mill-Kummissjoni. Minn dak iż-żmien, il-Kummissjoni adottat bosta deċiżjonijiet li fihom tuża l-istess approċċ, jiġifieri, tikkunsidra li għajnuna ġdida hija kompatibbli filwaqt li tobbliga t-twaqqif tal-ħlas tagħha sakemm titħallas lura l-għajnuna illegali ([12]). Il-Kummissjoni tosserva li f'dan il-każ, sakemm l-għajnuna ġdida tissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fil-linji gwida għar-ristrutturar, ma jidher li hemm ebda element li jopponi l-applikazzjoni tal-approċċ Deggendorf, jiġifieri, li l-għajnuna ġdida tiġi kkunsidrata kompatibbli bil-kundizzjoni li l-ħlas tagħha jkun sospiż sal-irkupru tal-għajnuna 44f.

([10]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/391/KEE tas-26 ta' Marzu 1991 dwar l-għajnuniet allokati mill-gvern Ġermaniż lill-kumpanija Deggendorf GmbH (ĠU L 215, 2.8.1991, p. 16).

([11]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Mejju 1997 fil-kawża C-355/95 P *TWD vs Il-Kummissjoni*, Ġabra I-2549, par. 25-26 (is-sentenza "Deggendorf"). Din is-sentenza tikkonferma l-validità tas-sentenza tat-13 ta' Settembru 1995 tal-Qorti tal-Prim'Istanza, TWD vs Il-Kummissjoni, T-244/93 u T-486/93, Ġabra, II-2265.

([12]) F'dan ir-rigward, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "*Lejn implimentazzjoni effettiva tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jordnaw lill-Istati Membri jirkupraw l-għajnuniet mill-Istat illegali u inkompatibbli mas-suq komuni*" (ĠU C 272, 15.11.2007, p. 4) tindika li "*il-Kummissjoni … bdiet tapplika l-ġurisprudenza 'Deggendorf' … b'mod aktar sistematiku. Skont din il-ġurisprudenza, meta jkunu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, il-Kummissjoni tista' tordna lil Stat Membru jissospendi l-ħlas ta' għajnuna ġdida kompatibbli mas-suq komuni lil impriża sakemm din tal-aħħar tkun ħallset lura l-għajnuna l-qadima illegali u inkompatibbli mas-suq komuni li kienet is-suġġett ta' deċiżjoni ta' irkupru*".

(49) Fuq il-bażi tal-konsiderazzjonijiet imsemmijin qabel, id-dubji tal-Kummissjoni twarrbu.

(50) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tixtieq tippreċiża dan li ġej. Il-paragrafu 23 tal-linji gwida għar-ristrutturar jobbliga lill-Kummissjoni, fil-qafas tal-investigazzjoni ta' għajnuna għar-ristrutturar, li "*tikkunsidra, l-ewwel nett, l-effett akkumulat tal-għajnuna li ngħatat qabel u tal-għajnuna l-ġdida, it-tieni nett, il-fatt li l-għajnuna li ngħatat qabel ma tħallsitx lura.*" Kif tindika n-nota f'qiegħ il-paġna rispettiva tal-linji gwida għar-ristrutturar, din id-dispożizzjoni hija bbażata fuq is-sentenza Deggendorf imsemmija hawn fuq. F'dan il-każ, Franza impenjat ruħha li tirkupra l-għajnuna 44f qabel ma tipproċedi għall-ħlas tal-għajnuna l-ġdida. F'din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha l-obbligu, skont il-ġurisprudenza Deggendorf imsemmija qabel, li tbiddel dan l-impenn f'kundizzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna nnotifikata. B'hekk hija tkun qiegħda tiżgura li ma jkunx hemm akkumulazzjoni tal-għajnuna ta' qabel mal-għajnuna l-ġdida u li l-għajnuna ta' qabel titħallas lura. B'dan il-mod, ma jkunx aktar meħtieġ li jiġi kkunsidrat l-effett akkumulat tal-għajnuniet u lanqas innuqqas ta' ħlas lura fil-bqija tal-evalwazzjoni tal-għajnuna l-ġdida.

6.5. **Ritorn għall-vijabilità tal-impriża**

6.5.1. *Perspettivi tas-suq u kredibbiltà tat-tbassir inklużi fil-pjan għar-ristrutturar*

(51) Fit-taqsima 2.2 tad-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura, il-Kummissjoni ddeskriviet il-miżuri prinċipali tal-pjan għar-ristrutturar ([13]). Fit-taqsima 3.3.3 tad-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura, il-Kummissjoni stmat li dan il-pjan jidher li jikkonforma mar-rekwiżiti previsti fil-paragrafi 35 sa 37 tal-linji gwida għar-ristrutturar. Fi kliem ieħor, il-pjan għar-ristrutturar jidher li jippermetti li tiġi stabbilita mill-ġdid il-vijabilità tal-impriża fuq żmien twil. Fil-qafas tal-proċedura ta' investigazzjoni formali mitmuma b'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni analizzat aktar fid-dettall l-elementi li fuqhom huwa bbażat il-pjan sabiex tkun tista' tivvalida jew le din l-evalwazzjoni inizjali.

(52) Il-Kummissjoni evalwat it-tbassir li rriżulta mill-pjan għar-ristrutturar, b'mod partikolari l-perspettivi ta' tkabbir. Hija qabblithom mat-tendenzi reċenti.

([13]) Il-pjan għar-ristrutturar kien jipprevedi, essenzjalment, ċentralizzazzjoni mill-ġdid u żvilupp immirat fuq il-prodotti ta' valur miżjud għoli u innovattivi, razzjonalizzazzjoni tal-politika tax-xiri u politika ta' sourcing (prodotti ffabbrikati minn terzi għal FagorBrandt). FagorBrandt ħa tliet kategoriji ta' miżuri għar-ristrutturar: a) it-twaqqif ta' attivitajiet u l-għeluq ta' siti; b) it-tnaqqis ta' impjegati; c) miżuri bl-iskop li jsaħħu s-sostenibbiltà tal-impriża.

(53) Skont is-CECED ([14]), l-iżviluppi fis-suq Ewropew f'termini ta' volum bejn l-2005 u l-2007 juru żieda moderata fl-Ewropa tal-Punent (madwar 2 % kull sena) u stabbli fl-Ewropa tal-Lvant (madwar 7 % kull sena). Madankollu, din l-aħħar rata ta' żieda hija fortuwita, għaliex tiddependi fuq il-varjazzjonijiet tal-ekonomija, fejn żieda b'2 ċifri u nuqqas b'2 ċifri wkoll jistgħu jalternaw wara xulxin.

(54) Fuq żmien twil tista' ssir konverġenza tal-imġieba tax-xiri tal-Ewropa tal-Lvant mal-Ewropa tal-Punent, iżda s-saħħa tax-xiri dgħajfa f'dawn il-pajjiżi twassal għal konċentrazzjoni tad-domanda fuq il-prodotti essenzjali (magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ jew fridges) u ta' kwalità baxxa. Madankollu, huwa f'dawn is-swieq li daħlu l-kompetituri Torok uAżjatiċi.

(55) Is-swieq li għandhom potenzjal għal FagorBrandt għalhekk huma fl-Ewropa tal-Punent, għaliex huma akbar f'termini ta' valur, iżda wkoll ta' ammonti, u jikkonċentraw inqas fuq il-prodotti rħas, li bihom FagorBrandt ma jistax aktar ikun kompetittiv u li huma r-raġuni tat-tkabbir kbir fl-Ewropa tal-Lvant.

(56) B'mod aktar partikolari, is-suq ta' referenza ta' FagorBrandt huwa s-suq Franċiż fejn il-grupp jagħmel [50-80]% tal-bejgħ tiegħu, jipproduċi [75-100] % tal-ammonti tiegħu u jħaddem [75-100]% tal-impjegati tal-grupp. Skont il-GIFAM ([15]), fi Franza, is-suq tal-apparat domestiku kbir żdied fl-2007, b'1 % meta mqabbel mal-2006, kemm fil-volum kif ukoll fil-valur. B'mod aktar speċifiku, is-suq tal-apparat […] li fuqu jixtieq jikkonċentra FagorBrandt żdied b' […] % meta mqabbel mal-2006 filwaqt li għall-apparat […], il-bejgħ naqas b' […] %.

(57) L-iżviluppi għal kull tip ta' prodott juru li s-swieq li għandhom potenzjal li qegħdin jiżviluppaw fl-Ewropa u b'mod partikolari fi Franza huma essenzjalment dawk tal-prodotti […]. It-tkabbir tal-prodotti […] huwa sinifikanti, filwaqt li s-settur tat-tkessiħ hwa kważi wieqaf kif turi t-tabella li ġejja meħuda mill-istudju GIFAM:

[…]

(58) Għalhekk, l-għażla ta' FagorBrandt, minn naħa, li jikkonċentra, b'mod partikolari fuq […] u, min-naħa l-oħra, li jiżviluppa […], tidher koerenti mal-iżviluppi tas-segmenti u prodotti differenti.

(59) Il-Kummissjoni, wara li analizzat l-elementi fondamentali l-oħra tal-pjan għar-ristrutturar li għandhom l-iskop li jiġġustifikaw ir-rilevanza tat-tbassir rigward ir-rendiment operazzjonali ta' FagorBrandt fiż-żmien, temmen li dan it-tbassir huwa realistiku. Għalhekk, il-bqija tal-analiżi ser tillimita ruħha għaż-żewġ dubji preċiżi dwar in-natura realistika u suffiċjenti tal-pjan għar-ristrutturar li tqajmu fid-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura.

(60) L-ewwel nett, il-Kummissjoni talbet spjegazzjonijiet dwar iż-żieda mistennija ta' 20 % tal-fatturat fl-2007. L-awtoritajiet Franċiżi spjegaw li l-medda ta' attività ta' FagorBrandt tbiddlet fl-2006 bit-trasferiment minn Fagor għal FagorBrandt tad-distribuzzjoni tal-marka Fagor fuq is-swieq Ingliżi u Franċiżi, u mbagħad tal-attivitajiet Franċiżi kollha ta' Fagor ([16]). Il-fatturat ta' dawn l-attivitajiet ġie stmat għal EUR [50-100] miljun għall-2007 u ġie inkluż fil-fatturat ta' FagorBrandt għas-sena 2007. Fuq medda kostanti, iż-żieda prevista tal-fatturat kienet biss [5-10] %. Minn dak iż-żmien, Franza tat lill-Kummissjoni l-fatturat li sar realment fl-2007. Dan kien ta' EUR 903 miljun mqabbel ma' EUR 779,7 miljun fl-2006, jiġifieri żieda ta' madwar 16 % minn sena għall-oħra.

(61) It-tieni nett, il-Kummissjoni osservat li l-pjan għar-ristrutturar ma kienx jindika kif FagorBrandt kien ser jagħmel biex jiffaċċja l-ħlas lura tal-għajnuna inkompatibbli li ngħatat lis-sussidjarja Taljana tiegħu u li għalhekk b'dan il-mod nħoloq riskju għar-ritorn għall-vijabilità tal-impriża. L-awtoritajiet Franċiżi speċifikaw li l-irkupru tal-għajnuna inkompatibbli mill-awtoritajiet Taljani għandu jsir mingħajr impatt fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-grupp. Fil-fatt, il-prezz ta' xiri tal-attivitajiet tal-apparat domestiku ta' Ocean SpA minn Brandt Italia ġie miżjud bl-ammont stmat tal-għajnuna li għandha tirċievi Brandt Italia, jiġifieri EUR [5-10] miljun (għal ammont effettiv ta'

([14]) CECED: Kunsill Ewropew għall-Kostruzzjoni ta' Apparat Domestiku (Conseil Européen de la Construction d'appareils Domestiques), organizzazzjoni li tħaddan 15-il fabbrikant li ta' mill-inqas għandhom dimensjoni Ewropea u 26 assoċjazzjoni tas-settur preżenti f'bosta pajjiżi Ewropej (membri jew le tal-Unjoni Ewropea).

([15]) GIFAM: Grupp Interprofessjonali tal-Fabbrikanti ta' Tagħmir Domestiku (Groupement interprofessionnel des fabricants d'appareils d'équipements ménagers) li jiġbor madwar ħamsin impriża preżenti fis-swieq tat-tagħmir domestiku.

([16]) Il-Kummissjoni analizzat jekk din l-integrazzjoni avvanzata ta' FagorBrandt f'Fagor titfax dubju fuq il-konklużjonijiet li ttieħdu fil-paragrafu 27 tad-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura dwar l-eġibilità ta' FagorBrandt. Hija kkonkludiet li dan ma kienx il-każ għaliex il-maġġoranza tal-elementi msemmija f'dan il-paragrafu għadhom validi.

għajnuna li rċieviet Brandt Italia ta' EUR [5-10 miljun]). Għalhek, l-awtoritajiet Franċiżi josservaw li l-benefiċċju tal-għajnuna illegali kien ittrasferit kważi totalment lill-bejjiegħ Ocean SpA (b'bilanċ ta' EUR [< 1 miljun]). L-awtoritajiet Franċiżi jgħidu wkoll li din l-allegazzjoni hija kkonfermata minn deċiżjoni tal-Qorti ta' Brescia fil-5 ta' Lulju 2004 li, wara li Brandt Italia ressaq kawża quddiemha wara d-deċiżjoni negattiva tal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 2004 dwar l-iskema ta' għajnuniet Taljana, ordnat li tiġi ssekwestrata l-aħħar parti tal-ħlas tal-prezz tax-xiri mħallas minn Brandt Italia jiġifieri EUR [5-10] miljun. Għalhekk, il-ħlas lura tal-għajnuna Taljana minn Brandt Italia għandu jkun probabbilment inqas minn EUR [< 1 miljun].

(62) Fuq il-bażi tal-konsiderazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-dubji dwar ir-ritorn għall-vijabilità li tqajmu fid-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura huma mwarrba.

6.5.2. *Dubji dwar ir-ritorn għall-vijabilità mqajmin minn parti interessata*

(63) Kif ġie indikat qabel, il-kompetitur li talab li jibqa' anonimu jikkontesta l-fatt li r-ristrutturar jista' jerġa' jistabbilixxi l-vijabilità tal-impriża fuq żmien twil. L-ewwel nett, huwa jaħseb li l-impriża kellha ċċaqlaq parti mill-produzzjoni tagħha lejn iż-żoni ta' produzzjoni rħas, fejn tkun tista' tibbenefika minn ekonomiji ta' skala. It-tieni nett, l-impriża mhux ser tkun tista' tiffaċċja l-investimenti meħtieġa sabiex ittejjeb il-prodotti tagħha f'industrija li kull sena tirrikjedi investimenti kbar fl-għodda industrijali, id-disinn, ir-riċerka u l-iżvilupp. Fl-aħħar nett, huwa jenfasizza li l-impriża għadha żgħira wisq meta mqabbla mal-kompetituri tagħha. Fil-paragrafi li ġejjin, il-Kummissjoni ser tagħmel mezz li tivverifika jekk dawn l-osservazzjonijiet tal-kompetitur li talab li jibqa' anonimu jqajmux dubju dwar il-konklużjonijiet dwar ir-ritorn għall-vijabilità.

(64) Rigward il-ħtieġa li ċċaqlaq parti mill-produzzjoni f'pajjiżi rħas, il-Kummissjoni tosserva li l-awtoritajiet Franċiżi taw risposta preċiża għal dan il-punt. Huma jfakkru li l-iżvilupp immirat minn FagorBrandt (prodotti b'valur miżjud għoli u innovattivi), kif ukoll dak ta' xi whud mill-kompetituri strettament Ewropej tiegħu, ma jaqbilx ma' sistematizzazzjoni tal-produzzjoni tagħhom fil-pajjiżi rħas. […]. Għall-impriżi ewlenin, l-istabbiliment ta' unitajiet ta' produzzjoni fil-pajjiżi rħas huwa wkoll pass għarrieda li jiġi żviluppat il-bejgħ hemmhekk.

(65) Rigward l-affermazzjonijiet tal-kompetitur li talab li jibqa' anonimu dwar l-impossibbiltà għal FagorBrandt li jiffaċċja l-investimenti kbar meħtieġa sabiex jibqa' kompetittiv u dwar id-daqs żgħir wisq tal-impriża meta mqabbla mal-impriżi ewlenin, il-Kummissjoni tosserva li hija stess indikat fil-paragrafu 8 tad-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura li dawn l-elementi kkontribwixxew għad-diffikultajiet tal-impriża. Madankollu hija tosserva li l-pjan għar-ristrutturar jidher li jilqa' dawn l-isfidi. Fil-fatt, l-impriża qed taħseb biex […]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li ċerti impriżi tas-settur, minkejja d-daqs żgħir tagħhom meta mqabbla mal-impriżi ewlenin u l-produzzjoni kbira tagħhom fil-pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent, jirnexxilhom jibqgħu kompetittivi billi jikkonċentraw fuq ċerti prodotti u segmenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li l-integrazzjoni aktar u aktar avvanzata ta' FagorBrandt fil-grupp Fagor tikkontribwixxi wkoll biex jiġu solvuti dawn il-problemi relatati mad-daqs. Fil-qosor, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-punti msemmija mill-kompetitur huma sfidi għal FagorBrandt iżda temmen li l-pjan għar-ristrutturar huwa ta' tali natura li jiffaċċahom u għandu probabbiltà suffiċjenti ta' ritorn għall-vijabilità.

(66) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal qabel, il-Kummissjoni temmen li l-kummenti mogħtija mill-kompetitur li talab li jibqa' anonimu ma jitfgħux dubju fuq l-evalwazzjoni li l-pjan għar-ristrutturar jippermetti li terġa' tiġi stabbilita l-vijabilità ta' FagorBrandt fuq żmien twil.

6.5.3. *L-effett tal-miżuri kompensatorji addizzjonali fuq ir-ritorn għall-vijabilità*

(67) Fl-aħħar nett, dejjem rigward ir-ritorn għall-vijabilità fuq żmien twil, il-Kummissjoni, kif previst fl-aħħar fraži tal-paragrafu 38 tal-linji gwida għar-ristrutturar, għandha tivverifika jekk il-miżuri kompensatorji previsti jpoġġux fil-periklu l-vijabilità tal-impriża. Kif ser jiġi analizzat iktar 'il quddiem, l-awtoritajiet Franċiżi, wara l-fluħ tal-proċedura, ipproponew xi miżuri kompensatorji addizzjonali li għalhekk ma kinux inklużi fit-tbassir finanzjarju mehmuż man-notifika. Peress li l-Kummissjoni ħasbet li dawn il-miżuri kienu meħtieġa, dawn għandhom ikunu implimentati. Rigward dawn il-miżuri – il-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tkessiħ, tat-tisjir u dishwasher tal-marka Vedette għal żmien ta' ħames snin – li jwasslu għal deterjorazzjoni tar-riżultati finanzjarji tal-impriża, għandu jiġi żgurat li l-impriża tista' tiflaħ għalihom.

(68) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, iż-żewġ tabelli li ġejjin jindikaw ir-riżultati finanzjarji tal-impriżi, filwaqt li jikkunsidraw l-implimentazzjoni tal-miżuri kompensatorji addizzjonali deskritti hawn fuq. L-ewwel tabella tiddeskrivi xenarju ottimist u t-tieni, xenarju pessimist.

[(f'miljuni ta' EUR)

Il-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tkessiħ, tat-tisjir u dishwasher tal-marka Vedette	Xenarju ottimist					
	2007	2008	2009	2010	2011	2012
Fatturat	903,0	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Marġini gross	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Qligħ mill-produzzjoni qabel l-elementi mhux rikorrenti	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Qligħ mill-produzzjoni (EBIT)	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Qligħ qabel it-taxxa	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Qligħ nett	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Likwidità Ħielsa	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Likwidità Ħielsa akkumulata	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]

[(f'miljuni ta' EUR)

Il-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tkessiħ, tat-tisjir u dishwasher tal-marka Vedette	Xenarju pessimist					
	2007	2008	2009	2010	2011	2012
Fatturat	903,0	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Marġini gross	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Qligħ mill-produzzjoni qabel l-elementi mhux rikorrenti	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Qligħ mill-produzzjoni (EBIT)	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Qligħ qabel it-taxxa	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Qligħ nett	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Likwidità Ħielsa	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
Likwidità Ħielsa akkumulata	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]

(69) Dawn it-tabelli huma bbażati fuq l-ipoteżijiet li ġejjin dwar it-telf fil-fatturat li ser iwassal għall-irtirar ta' bosta familji ta' prodotti kkummerċjalizzati taħt il-marka Vedette. Irtirar bħal dan jista' jwassal għal:

(a) tnaqqis tal-bejgħ fil-familja tal-prodotti tal-marka Vedette li l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom hija sospiża;

(b) tnaqqis tal-bejgħ fil-familji l-oħra ta' prodotti kkummerċjalizzati taħt il-marka Vedette [17] (l-effett negattiv tal-marka (brand effect) fuq il-prodotti tal-marka Vedette);

(c) tnaqqis tal-bejgħ tal-marki l-oħra (l-effett ta' portafoll negattiv fuq il-marki kollha tal-grupp FagorBrandt).

(70) Ix-xenarju ottimist jikkunsidra biss l-effetti (a) u (b) imsemmijin qabel u t-telf relatat mat-twaqqif tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott li ser jirrappreżenta telf ta' [60-90]% tal-fatturat tal-familja ta' prodotti mwaqqfa […] u ta' [20-30] % tal-fatturat tal-prodotti l-oħra kkummerċjalizzati taħt il-marka Vedette. Ix-xenarju pessimist jikkunsidra l-element (c) imsemmi qabel filwaqt li jippreżumi rata ta' telf ta' [110-140] % għall-familja tal-prodott mwaqqfa (it-telf mhux biss jista' jaffettwa […] u ta' […]. L-awtoritajiet Franċiżi jispjegaw li ipoteżi pessimista bħal din tikkorrispondi għal esperjenza magħrufa mill-impriża: fl-2003 hija kienet iddeċidiet li tabbanduna […] fi Franza sabiex tkun tista' tikkonċentra fuq […] li kien jibbenefika minn forza ta' bejgħ speċifika. Dan it-twaqqif kellu effett sekondarju negattiv ħafna, għaliex mhux biss il-fatturat kollu magħmul […] intilef iżda t-telf laħaq ukoll […] (telf totali fuq dawn iż-żewġ marki ta' apparati […] f'sentejn fuq bejgħ inizjali ta' […] unitajiet, fosthom […] […], jiġifieri telf ta' [120-140] % tal-ammonti abbandunati) [18].

[17] Dan it-tnaqqis jirriżulta mill-effetti li nħolqu mill-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti preċedenti fuq il-viżibilità tal-marka Vedette għad-distributuri.

[18] Il-Kummissjoni temmen, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtortajiet Franċiżi, li hemm probabbiltà żgħira li jseħħ ix-xenarju pessimist. Fil-fatt, l-awtoritajiet Franċiżi jibbażaw fuq l-esperjenza tal-microwaves Vedette. Madankollu, kif ser ikun indikat, dan huwa prodott li bih FagorBrandt ma kienx kompetittiv aktar (ir-raġuni għaliex huwa ddeċieda li jwaqqaf il-produzzjoni internament) u li għalih hemm dħul kbir fis-suq tal-produtturi mill-pajjiżi rħas. L-ipoteżi magħżula mill-awtoritajiet Franċiżi, jiġifieri, li jiġi attribwit it-tnaqqis kollu tal-bejgħ tal-microwaves osservat matul dawn is-sentejn biss għad-deċiżjoni li titwaqqaf il-kummerċjalizzazzjoni tal-microwaves taħt il-marka Vedette, għalhekk tidher li hija ipoteżi estrema.

(71) Fuq il-bażi tal-analiżi tal-istatistiċi inklużi fiż-żewġ tabelli preċedenti u statistiċi oħra pprovduti mill-awtoritajiet Franċiżi, il-Kummissjoni tosserva li l-miżuri kompensatorji magħżula ser jagħmlu l-impriża aktar dgħajfa, għaliex ser iwasslu għal deterjorazzjoni tal-qligħ tal-impriża mill-2009, is-sena li fiha jiġu implimentati. Madankollu, l-impriża jerġa' jkollha qligħ nett pożittiv mill-2010, li jiżdied fis-snin ta' wara. Il-Kummissjoni għalhekk temmen li l-miżuri kompensatorji, anke jekk jagħmlu l-impriża aktar dgħajfa, mhux ser jimpedixxu r-ritorn għall-vijabilità.

6.6. **Prevenzjoni ta' kull distorsjoni eċċessiva tal-kompetizzjoni**

6.6.1. *Analiżi tal-ħtieġa ta' miżuri kompensatorji*

(72) Il-paragrafu 38 tal-linji gwida għar-ristrutturar jipprevedi li, sabiex l-għajnuniet għar-ristrutturar jistgħu jiġu awtorizzati mill-Kummissjoni, għandhom jittieħdu xi miżuri kompensatorji biex itaffu l-effetti negattivi tal-għajnuniet fuq il-kundizzjonijiet tal-kummerċ. Jekk ma jsirx dan, l-għajnuniet għandhom jiġu kkunsidrati bħala "*kontra l-interess komuni*" u jiġu ddikjarati inkompatibbli mas-suq komuni. Din il-kundizzjoni bosta drabi tirriżulta f'limitazzjoni tal-preżenza li l-impriża jista' jkollha fuq is-suq jew swieq tagħha wara l-perijodu għar-ristrutturar.

(73) Fin-notifika tagħha, Franza affermat li jidher li mhumiex meħtieġa miżuri kompensatorji f'dan il-każ, b'mod partikolari għaliex l-għajnuna m'għandhiex effetti ta' distorsjoni eċċessivi. Fil-paragrafi 37, 38 u 40 tad-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura, il-Kummissjoni tispjega b'mod konċiż għaliex irrifjutat din l-affermazzjoni.

(74) Fil-paragrafi li ġejjin, il-Kummissjoni tispjega aktar fid-dettall għaliex hija temmen li l-għajnuna twassal għal distorsjoni u għaliex l-implimentazzjoni ta' miżuri kompensatorji hija meħtieġa, kontra l-affermazzjoni tal-awtoritajiet Franċiżi.

(75) Kif diġà ntqal, FagorBrandt huwa preżenti fis-settur tal-fabbrikazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni mad-distributuri (b'oppożizzjoni għad-distribuzzjoni u l-bejgħ lill-individwi) ta' apparat domestiku kbir. Rigward id-dimensjoni ġeografika tas-suq tal-apparat domestiku kbir, il-Kummissjoni emmnet fil-passat li din kienet għallinqas Komunitarja, minħabba, b'mod partikolari, in-nuqqas ta' ostakoli għad-dħul, l-armonizzazzjoni teknika u spejjeż ta' trasport relattivament baxxi [19]. L-informazzjoni pprovduta minn FagorBrandt u miż-żewġ kompetituri li taw xi kummenti tikkonferma li s-suq huwa ta' dimensjoni Komunitarja.

(76) Il-Kummissjoni taħseb li għajnuna għar-ristrutturar toħloq awtomatikament distorsjoni tal-kompetizzjoni billi tfixkel il-hruġ tal-benefiċjarju mis-suq u billi twaqqaf b'hekk l-iżvilupp tal-impriżi kompetituri. Għalhekk hija tmur kontra l-irtirar tal-impriżi l-inqas effikaċi, li "*huwa fatt normali ta' kif jaħdem is-suq*", kif jindika il-paragrafu 4 tal-linji gwida għar-ristrutturar. L-għajnuna nnotifikata favur FagorBrandt għalhekk twassal għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni msemmija qabel. Il-Kummissjoni għal-daqstant tosserva li l-elementi li ġejjin għandhom it-tendenza li jillimitaw il-konsegwenzi negattivi ta' din id-distorsjoni tal-kompetizzjoni. L-ewwel nett, fis-suq Ewropew tal-apparat domestiku kbir, FagorBrandt għandu sehem fis-suq ta' ammont massimu ta' 5 % [20]. It-tieni nett, hemm erba' kompetituri f'dan is-suq b'ishma fis-suq ta' 10 % jew aktar (Indesit, Whirlpool, BSH u Electrolux) [21]. Il-kompetitur li talab li jibqa' anonimu fil-fatt ammetta li FagorBrandt huwa attur relativament żgħir fis-suq Ewropew (ara hawn fuq id-dubji espressi minn dan il-kompetitur dwar ir-ritorn għall-vijabilità tal-impriża u relatati mad-daqs żgħir tagħha), li l-ishma tiegħu fis-suq qegħdin jonqsu [22]. It-tielet nett, l-ammont tal-għajnuna hija limitata meta mqabbla mal-fatturat Ewropew ta' FagorBrandt (l-għajnuna tirrappreżenta inqas minn 4 % tal-fatturat tal-2007), u aktar u aktar meta mqabbla ma' dak tal-erba' atturi ewlenin tas-suq li għandhom fatturat aktar għoli minn dak ta' FagorBrandt [23].

---

[19] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ġunju 1994, Electrolux/AEG (ĠU C 187, 9.7.1994) tikkonkludi li d-dimensjoni ġeografika tas-swieq tal-apparat domestiku kbir kienet l-Ewropa tal-Punent. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/475/KE tal-24 ta' Jannar 1999 dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81 tat-Trattat KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Kaz IV.F.1/36.718.CEDE) (ĠU L 187, 26.7.2000, p. 47) tikkonkludi li d-dimensjoni ġeografika hija z-ŻEE. Dan il-każ tal-aħħar kien jikkonċerna is-settur tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ.

[20] Is-sehem tas-suq ikkombinat ta' FagorBrandt u ta' Fagor Electrodomesticos huwa massimu ta' 8 %.

[21] Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta l-argument mogħti minn Franza skont liema ż-żamma tal-preżenza fis-suq ta' FagorBrandt għandha effett pożittiv għax tevita l-ħolqien ta' sitwazzjoni oligopolistika. L-awtoritajiet Franċiżi ma ġġustifikawx l-affermazzjoni tagħhom b'mod preċiż. Barra minn hekk, din l-affermazzjoni hija kontradittorja meta mqabbla man-notifika tagħhom li kienet tiddeskrivi suq kompetittiv ħafna, b'kompetizzjoni multipla, b'mod partikolari minn marki distributuri. Fl-aħħar nett, il-paragrafu 39 tal-linji gwida għar-ristrutturar jindika li ser jiġu kkunsidrati s-sitwazzjonijiet "ta' monopolju jew ta' oligopolju strett", li mhuwiex il-każ hawnhekk peress li jekk nikkunsidraw biss l-impriżi ewlenin, in-numru ta' kompetituri diġà jilħaq erbgħa.

[22] […]

[23] Jekk l-analiżi ssir fuq livell dinji, id-differenza hija akbar għaliex il-gruppi bħal Electrolux u Whirlpool għandhom attivitajiet kbar ħafna 'l barra mill-Ewropa. Bħala eżempju, fl-2005, il-fatturat ikkombinat ta' FagorBrandt u ta' Fagor Electrodomesticos kien inqas minn EUR 2 biljun, filwaqt li l-fatturat dinji fis-settur tal-apparat domestiku kbir ta' Whirlpool, Electrolux, BSH u Indesit espress f'EUR kien rispettivament 11,8 biljun, 10,8 biljun, 7,3 biljun u 3,1 biljun.

(77) Filwaqt li l-paragrafu preċedenti janalizza d-distorsjoni ta' kompetizzjoni maħluqa mill-għajnuna, għandha tiġi analizzata wkoll l-estensjoni tal-"*effetti sfavorevoli fuq il-kundizzjonijiet tal-kummerċ*" bejn l-Istati Membri, kif indikat fil-paragrafu 38 tal-linji gwida għar-ristrutturar li jirrifletti l-Artikolu 87 (3) (c) tat-Trattat,. Kif kien diġà osservat fil-paragrafu 38 tad-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura, l-għajnuna tfixkel il-lokalizzazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi bejn l-Istati Membri, u għalhekk il-kummerċ bejniethom. FagorBrandt hija impriża li għandha l-maġġoranza tal-attivitajiet ta' produzzjoni u tal-impjegati tagħha fi Franza ([75-100]% tal-ammonti prodotti mill-impriża huma magħmula fi Franza). Minħajr l-għajnuna tal-Istat Franċiż, FagorBrandt malajr ikollu joħroġ mis-suq. Madankollu, il-prodotti ffabbrikati fis-siti ta' produzzjoni ta' FagorBrandt huma f'kompetizzjoni prinċipalment ma' prodotti li jipproduċu il-kompetituri fl-Istati Membri l-oħra ([24]). Għalhekk, l-għejba ta' FagorBrandt kienet tippermetti lill-kompetituri Ewropej iżidu ħafna l-bejgħ tagħhom u għalhekk il-produzzjoni tagħhom. L-għajnuna għandha l-effett li żżomm fi Franza attivitajiet ta' produzzjoni li kieku parti minnhom kienu jmorru lejn Stati Membri oħra. Għalhekk hija għandha effett sfavorevoli fuq il-kundizzjonijiet tal-kummerċ, billi tnaqqas il-possibbiltajiet ta' esportazzjoni tal-kompetituri li qegħdin fi Stati Membri oħra lejn Franza ([25]). L-għajnuna tnaqqas ukoll il-possibbiltajiet ta' bejgħ lejn il-pajjiżi fejn FagorBrandt ser ikompli jesporta l-prodotti tiegħu. Meta jiġi kkunsidrat l-ammont tal-bejgħ ta' FagorBrandt u n-numru ta' postijiet tax-xogħol rispettiv, dawn l-effetti sfavorevoli fuq il-kundizzjonijiet tal-kummerċ mhumiex negliġibbli.

(78) Fuq il-bażi tal-analiżi preċedenti, il-Kummissjoni temmen li huma meħtieġa miżuri kompensatorji reali (jiġifieri mhux negliġibbli) iżda għaldaqstant ta' daqs limitat.

6.6.2. *Analiżi tal-miżuri li diġà ġew implimentati*

(79) Fil-paragrafu 39 tad-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura, il-Kummissjoni esprimiet xi dubji dwar jekk il-miżuri nnotifikati mill-awtoritajiet Franċiżi jistgħux jiġu kkunsidrati bħala miżuri kompensatorji, peress li l-paragrafu 40 tal-linji gwida għar-ristrutturar jindika li "*It-tpaċija tal-kontijiet u l-waqfien ta' attivitajiet b'telf li xorta ser ikunu meħtieġa biex tiġi stabbilita mill-ġdid il-vijabilità mhux ser jiġu kkunsidrati bħala tnaqqis tal-kapaċità jew tal-preżenza fis-suq għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kontropartijiet.*" Jidher li l-miżuri kollha deskritti mill-awtoritajiet Franċiżi jaqgħu fl-ambitu ta' applikazzjoni ta' din l-esklużjoni. Fil-qafas tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, Franza tenniet li hija kkunsidrat li l-waqfien tal-fabbrikazzjoni taċ-chest freezers u ta' free-standing microwaves, u anke l-bejgħ ta' Brandt Components, kienu tliet miżuri kompensatorji validi. Għalhekk il-Kummissjoni bdiet analiżi fid-dettall ta' dawn il-miżuri u waslet għall-konklużjonijiet li ġejjin.

(80) Rigward l-għeluq tal-fabbrika għall-fabbrikazzjoni taċ-chest freezers fl-2005 (is-sit ta' Lesquin) Franza tindika, fin-notifika tagħha tas-6 ta' Awwissu 2007 li dan is-sit "*li kien jiffabbrika chest freezers u kantini tal-inbejjed għall-grupp FagorBrandt kollu, kien laħaq daqs … li ma ppermettilux aktar ikopri la l-ispejjeż li jvarjaw u lanqas l-ispejjeż fissi tiegħu u kien iġġenera EUR [5-10] miljun telf ta' produzzjoni fl-2004.*" Għalhekk m'hemm ebda dubju li fil-każ inkwistjoni dan huwa għeluq ta' attività b'deficit li huwa meħtieġ sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-vijabilità ([26]) u b'applikazzjoni tal-paragrafu 40 tal-linji gwida għar-ristrutturar, ma jistax jiġi kkunsidrat bħala miżura kompensatorja.

(81) Rigward il-waqfien ta' produzzjoni ta' free-standing microwaves fis-sit ta' Azenay, dan kien ukoll għeluq ta' attività b'deficit meħtieġ sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-vijabilità, u li l-awtoritajiet Franċiżi fil-fatt irrikonoxxew b'mod espliċitu fit- sottomissjonijiet tagħhom ([27]).

([24]) […]

([25]) [50-80] % tal-bejgħ ta' FagorBrandt fil-fatt isir fis-suq Franċiż. Rigward dan, il-Qorti indikat kemm-il darba li "*meta Stat Membru jalloka għajnuna lil impriża, il-produzzjoni interna tista' tinżamm stabbli jew tiżdied, bil-konsegwenza li l-possibbiltajiet tal-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra li jesportaw il-prodotti tagħhom lejn is-suq ta' dan l-Istat Membru jonqsu*". Sentenza tat-13 ta' Lulju 1988, Franza vs Il-Kummissjoni (C-102/87, Ġabra p. 04067) (cf. al. 19); Sentenza tal-14 ta' Settembru 1994, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-278/92, C-279/92 u C-280/92, Ġabra p. I-4103) (ara l-punt 40); Sentenza tas-7 ta' Marzu 2002, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-310/99, Ġabra p. I-2289) (ara l-punti 84-86); Sentenza tal-11 ta' Lulju 2002, HAMSA vs Il-Kummissjoni (T-152/99, Ġabra p. II-3049) (ara l-punti 220-221).

([26]) L-istampa Franċiża kienet semmiet ħafna n-nuqqas ta' qligħ tal-attività tal-"freezers". Artiklu f'Ouest France tat-8 ta' Lulju 2004 kien jindika pereżempju: "*ElcoBrandt, il-grupp Franċiż tal-apparat domestiku, fl-2005 ser jagħlaq il-fabbrika tiegħu ta' Lesquin (Nord), li hija speċjalizzata fil-fabbrikazzjoni tal-freezers, għax din 'mhux qiegħda tagħmel qligħ aktar'. Elco kien xtara l-istabbiliment minn Brandt, sentejn ilu. Is-600 impjegat kienu aċċettaw pjan soċjali li kien jipprevedi ż-żamma ta' 150 post tax-xogħol, li issa tneħħew.*" B'mod aktar preċiż, xi persuni mid-direttorat ta' Brandt indikaw fil-gazzetta "Les Echos" f'artiklu li ġie ppubblikat fis-7 ta' Lulju 2004 li "*Minkejja l-isforzi kbar ta' kompetizzjoni, ix-xiri ta' 35 % tal-komponenti miċ-Ċina jew it-titjib tal-kwalità u l-produttività, it-tnaqqis tal-ispejjeż tas-suq għaġġel aktar minna*" u li "*Iż-żamma ta' attività ta' produzzjoni ta' chest freezers ma tagħmilx aktar sens ekonomikament fi ħdan il-grupp ElcoBrandt. Fil-fatt, kull darba li nbiegħu wieħed minn dawn il-prodotti nkunu qegħdin nagħmlu telf ta' 25 %.*"

([27]) Fin-notifika, l-awtoritajiet Franċiżi indikaw li wieħed mill-objettivi tal-pjan għar-ristrutturar huwa "*ir-razzjonalizzazzjoni tal-produzzjoni, bl-abbandun ta' ċerti segmenti bi prezz baxx li sar għandhom defiċit strutturali, sabiex nillimitaw it-telf relatat mal-akkwist tal-ishma fis-suq minn fabbrikanti ta' pajjiżi rħas (free-standing microwaves, freezers u fridges żgħar)*". Fl-ittra tagħhom tal-15 ta' Frar 2008 fejn ikkumentaw fuq l-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati, l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw: "*L-awtoritajiet Franċiżi jfakkru li … d-diversi miżuri li diġà ttieħdu l-ewwel nett għandhom l-għan li jwaqqfu t-telf (l-għeluq ta' sit ta' produzzjoni b'defiċit, Lesquin, u l-abbandun ta' ċerti fabbrikazzjonijiet li ma jiġġenerawx qligħ, free-standing microwaves).*" Dawn iż-żewġ siltiet jikkonfermaw ukoll il-konklużjonijiet preċedenti dwar l-għeluq tal-fabbrika ta' Lesquin.

In-nuqqas ta' rendiment ta' din l-attività mhijiex sorpriża peress li l-free-standing microwaves huma wieħed mis-segmenti tas-suq fejn daħlu l-aktar il-prodotti li ġejjin mill-pajjiżi rħas ([28]). Barra minn hekk, il-fabbrika ta' Azenay kienet tilfet xi kuntratti kbar ta' produzzjoni ta' microwaves għal gruppi oħra ([29]). B'konklużjoni, fuq il-bażi tal-paragrafu 40 tal-linji gwida għar-ristrutturar, din il-miżura għalhekk ma tistax tiġi kkunsidrata bħala miżura kompensatorja.

(82) Bil-kontra, f'Marzu 2004, l-impriża biegħet is-sussidjarja tagħha Brandt Components (fabbrika ta' Nevers) lill-grupp Awstrijakk ATB għal somma ta' EUR [2-5] miljun. Għalhekk dan mhux tpaċija tal-kontijiet ([30]) u lanqas waqfien tal-attività. Għaldaqstant din il-miżura mhijiex eskluża mid-dispożizzjoni msemmija qabel tal-paragrafu 40 tal-linji gwida għar-ristrutturar. L-attività mibjugħa f'Marzu 2004 ([31]) kellha fatturat ta' EUR [25-45] miljun fl-2003 – ekwivalenti għal [2-5]% tal-fatturat fl-2003 tal-impriża – u kienet tħaddem [250-500] impjegat – ekwivalenti għal [5-10]% tal-ħaddiema tal-impriża. Hija kienet involuta fid-disinn, l-iżvilupp, il-fabbrikazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-muturi tal-elettriku għall-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ. Għalhekk dan il-bejgħ wassal għat-tnaqqis tal-preżenza tal-impriża fis-suq tal-komponenti tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ.

(83) Filwaqt li taċċetta li din il-miżura hija miżura kompensatorja, il-Kummissjoni temmen li wieħdha din ma tistax tpatti għall-effetti sfavorevoli tal-għajnuna deskritta qabel. Il-Kummissjoni tosserva b'mod partikolari li din il-miżura ma tnaqqasx il-preżenza ta' FagorBrandt fis-suq tal-apparat domestiku kbir ([32]), li huwa s-suq ewlieni li fih ser jibqa' preżenti FagorBrandt.

6.6.3. *Miżuri kompensatorji addizzjonali proposti mill-awtoritajiet Franċiżi*

(84) Bħala risposta għad-dubji mqajma fid-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura dwar l-insuffiċjenza tal-miżuri kompensatorji nnotifikati, l-awtoritajiet jipproponu l-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tkessiħ u tal-prodotti tat-tisjir Vedette għal ħames snin. Barra minn hekk, huma jipproponu l-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tad-dishwahsers Vedette, jew il-waqfien tal-marka […].

(85) Kif kien indikat qabel, FagorBrandt jagħmel [50-80] % tal-bejgħ tiegħu fis-suq Franċiż, fejn fl-2006 l-impriża kellha sehem fis-suq ta' [10-20] % fil-valur u ta' [10-20] % fl-ammont. Dan ifisser li kieku FagorBrandt waqqaf l-attivitajiet tiegħu, kienu jibbenefikaw minn dan b'mod partikolari l-kompetituri tiegħu fis-suq Franċiż billi jżidu l-bejgħ tagħhom. Għalhekk huma dawn l-impriżi li huma affettwati l-aktar mis-sopravivenza ta' FagorBrandt li setgħet tkun possibbli bl-għajnuna. Bil-kontra, il-bejgħ ta' FagorBrandt fis-suq Taljan huwa limitat ħafna. Bħala miżura kompensatorja, il-Kummissjoni għalhekk tippreferi l-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tad-dishwashers taħt il-marka Vedette milli l-waqfien tal-marka […], peress li l-prodotti tal-marka Vedette ([33]) huma kkummerċjalizzati esklużivament fis-suq Franċiż filwaqt li l-prodotti […] jinbiegħu prinċipalment […].

(86) Għalhekk għandha tiġi analizzata l-estensjoni ta' dawn il-miżuri kompensatorji addizzjonali, sabiex jiġi stabbilit jekk humiex biżżejjed.

Il-prodotti tat-tkessiħ

(87) Il-bejgħ tal-prodotti tat-tkessiħ (fridges u freezers) tal-marka Vedette kien jirrappreżenta, fl-2007, EUR [10-20] miljun, jiġifieri [1-3] % tal-fatturat tal-grupp Fagor-Brandt.

([28]) Dan il-fatt kien enfasizzat mill-awtoritajiet Franċiżi, b'mod partikolari fl-Anness 7 tan-notifika.

([29]) Ara pereżempju l-artiklu "*Brandt: fin du contrat Miele confirmée. Après le retrait d'Électrolux, autre coup dur à Aizenay*" (*Brandt:"it-tmiem tal-kuntratt Miele kkonfermat. Wara l-irtirar ta' Électrolux, daqqa ta' ħarta oħra f'Aizenay*") ippubblikat f'Ouest France tat-3 ta' Marzu 2005.

([30]) U dan, inqas u inqas għax l-impriża għamlet qligħ tal-kapital mill-bejgħ ta' EUR [0-1 miljun].

([31]) Kif indikat fit-taqsima 2.2 tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura, FagorBrandt beda jirristruttura ruħu mill-2004, meta dehru n-nuqqas ta' kompetittività u l-ewwel diffikultajiet finanzjarji. Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li dan il-bejgħ "*huwa part mir-ristrutturar stess*" bħal m'huwa meħtieġ mill-paragrafu 40 tal-linji gwida għar-ristrutturar.

([32]) L-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li l-attività ta' Brandt Components kienet tippermetti lill-impriża tibbenefika minn integrazzjoni qawwija fil-produzzjoni tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ li jinfetħu minn fuq, li hija storikament pożizzjoni b'saħħitha tal-grupp FagorBrandt. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, din it-tip ta' integrazzjoni hija b'mod partikolari mmirata għall-prodotti innovattivi jew li jeħtieġu għarfien speċifiku u hija pprattikata mill-atturi ewlenin tas-settur (pereżempju BSH jew Miele). Madankollu l-Kummissjoni tosserva li, minbarra l-affermazzjonijiet preċedenti, l-awtoritajiet Franċiżi m'għandhomx elementi li jippermettulha tistabbilixxi mingħajr dubju – u inqas biex tikkwantifika dan l-effett – li l-bejgħ ta' Brandt Components ser inaqqas il-possibbiltà għal FagorBrandt li tiżviluppa magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ kompetittivi u għalhekk ser inaqqas il-preżenza ta' FagorBrandt fis-suq tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ. Għalhekk il-Kummissjoni ma tistax tikkonkludi li l-bejgħ ta' Brandt Components għandu effett reali fis-suq tal-apparat domestiku kbir.

([33]) Fis-suq Franċiż, Vedette hija marka li għandha l-post tagħha fuq l-oġħla punt tat-tieni livell u fit-tielet livell tas-suq tal-prodotti free-standing. Il-miżuri proposti għalhekk ma jnaqqsux il-preżenza ta' FagorBrandt fis-suq tal-prodotti integrati. Madankollu l-maġġoranza l-kbira tal-gruppi li huma kompetituri ta' FagorBrandt għall-prodotti integrati għandhom ukoll marki li huma kompetituri ta' Vedette fis-suq tal-prodotti free-standing. Għalhekk jibbenefikaw mill-irtirar tal-prodotti Vedette deskritti hawn fuq.

(88) Il-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tkessiħ għal żmien ta' ħames snin ser jippermetti lill-kompetituri preżenti fis-suq Franċiż isaħħu l-pożizzjoni tagħhom fuq il-prodotti tat-tkessiħ. Skont l-istudju GfK tal-2007, il-kompetituri ewlenin ta' FagorBrandt – li għandhom sehem fis-suq għall-valur ta' […] % - fis-suq tal-fridges fi Franza huma Whirlpool ([…] %), Indesit ([…] %) u Electrolux ([…] %). Fis-suq tal-freezers, il-kompetituri ewlenin ta' FagorBrandt ([…] %) huma Whirlpool ([…] %), Liebherr ([…] %) u Electrolux ([…] %).

Il-prodotti tat-tisjir

(89) Il-bejgħ ta' prodotti tat-tisjir tal-marka Vedette kienu jirrappreżentaw, fl-2007, EUR [5-10] miljun, jiġifieri [0,5-1,5] % tal-fatturat tal-grupp FagorBrandt.

(90) Il-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tisjir għal żmien ta' ħames snin ser jippermetti, għalhekk, lill-kompetituri jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tal-cookers. Skont l-istudju GfK tal-2007, il-kompetituri ewlenin ta' FagorBrandt (li għandhom sehem fis-suq għall-valur ta' […] %) fis-suq tal-cookers fi Franza huma Indesit ([…] %), Electrolux ([…] %) u Candy ([…] %).

Id-dishwashers

(91) Il-bejgħ ta' dishwashers tal-marka Vedette kienu jirrappreżentaw, fl-2007, EUR [5-10] miljun, jiġifieri [0,5-1,5] % tal-fatturat tal-grupp FagorBrandt.

(92) Skont l-istudju GfK tal-2007, il-kompetituri ewlenin ta' FagorBrandt (li għandhom sehem fis-suq għall-valur ta' […] %) fis-suq tad-dishwashers fi Franza huma BSH ([…] %), Whirlpool ([…] %) u Electrolux ([…] %). Għalhekk, il-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni tad-dishwashers taħt il-marka Vedette ser jippermetti lill-kompetituri jżidu l-preżenza tagħhom fis-suq.

Konklużjoni dwar il-miżuri kompensatorji addizzjonali

(93) Fil-qosor, il-prodotti Vedette li l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom ser titwaqqaf jirrappreżentaw [3-5] % tal-fatturat tal-grupp ([34]). L-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li dan ser jeħtieġ aġġustamenti sinifikattivi fi ħdan l-impriża […].

([34]) Fl-2007, dawn kienu jirrappreżentaw [30-40]% tal-fatturat tal-marka Vedette u [4-6]% tal-bejgħ ta' FagorBrandt ta' apparat domestiku kbir fis-suq Franċiż.

6.6.4. *Konklużjoni dwar il-miżuri kompensatorji kollha*

(94) Il-miżuri kompensatorji huma l-waqfien tal-kummerċjalizzazzjoni għal żmien ta' ħames snin ta' ċerti prodotti (it-tisjir, it-tkessiħ u d-dishwashers) tal-marka Vedette ([35]) u l-bejgħ ta' Brandt Components. Dan huwa tnaqqis tal-preżenza fis-suq reali (jiġifieri mhux negliġibbli) iżda ta' daqs limitat. Dan it-tnaqqis huwa proporzjonat mal-estensjoni tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ, kif kienet analizzata qabel.

(95) Għalhekk, il-Kummissjoni temmen li dawn il-miżuri jippermettu li jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni eċċessivi skont il-paragrafi 38 sa 40 tal-linji gwida għar-ristrutturar.

6.7. **Il-limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu: kontribuzzjoni reali, eżenta minn għajnuna**

(96) Sabiex l-għajnuna tkun tista' tiġi awtorizzata, b'applikazzjoni tal-paragrafi 43 sa 45 tal-linji gwida għar-ristrutturar, l-ammont u l-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu limitati strettament għall-minimu meħtieġ sabiex jippermettu li jsir ir-ristrutturar skont id-disponibilitajiet finanzjarji tal-impriża, tal-azzjonisti tagħha jew tal-grupp li hija parti minnu. Il-benefiċjarji tal-għajnuna għandhom jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-pjan għar-ristrutturar mir-riżorsi proprji tagħhom, inkluż bil-bejgħ ta' assi li mhumiex indispensabbli għas-sopravivenza tal-impriża, jew minn finanzjament estern miksub bil-kundizzjonijiet tas-suq.

(97) Kif huwa indikat fil-paragrafu 43 tad-deċiżjoni tal-fluħ, l-ispejjeż għar-ristrutturar, bħal m'huma deskritti fin-notifika tal-awtoritajiet Franċiżi, huma ta' EUR [50-90] miljun. Huma ffinanzjati kif ġej ([36]):

	EUR Miljun	%
Spejjeż għar-ristrutturar	[50-90]	100
Iffinanzjati minn:		
L-isforz proprju tal-benefiċjarju	[0-10]	[…]
Il-provvista tal-azzjonist	26,9	[…]
L-għajnuna mill-Istat	31	[40-50]

([35]) L-iskop ta' din il-miżura huwa l-irtirar tas-suq tal-prodotti Vedette kkonċernati. Għalhekk huwa ċar li l-effett tal-miżura jisparixxi jekk FagorBrandt jalloka liċenzja għall-produzzjoni u/jew kummerċjalizzazzjoni ta' dawn il-prodotti taħt il-marka Vedette lil impriża oħra.

([36]) Id-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura kienet tindika b'mod żbaljat li l-"isforz proprju tal-benefiċjarju" kien jammonta għal 4.6 % meta n-notifika kienet tindika b'mod ċar EUR 4,6 miljun.

(98) Fil-paragrafu 44 tad-deċiżjoni tal-fluħ, il-Kummissjoni tqajjem żewġ dubji dwar dawn l-istatistiċi. Minn naħa, il-Kummissjoni titlob lill-awtoritajiet Franċiżi biex jiġġustifikaw għaliex ma inkludewx il-ħlas lura tal-għajnuna fl-ispejjeż għar-ristrutturar. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni titlob spjegazzjoni tan-natura tal-"isforz proprju tal-benefiċjarju".

(99) L-awtoritajiet Franċiżi taw risposta għat-tieni dubju u indikaw li l-"isforz proprju tal-benefiċjarju" huwa self mill-bank li tneħħa minn FagorBrandt minn fuq is-suq. Huma jispeċifikaw li l-impriża fl-2006 ħadet xi self mill-bank ta' ammont ta' EUR [25-30] miljun li sar EUR [30-35] miljun fl-2007 ([37]). Dan ġie ggarantit minn stokks ta' prodotti lesti. Il-Kummissjoni tosserva li dan huwa "*finanzjament estern miksub bil-kundizzjonijiet tas-suq*" bħal m'huwa stabbilit fil-paragrafu 43 tal-linji gwida għar-ristrutturar u għalhekk huwa kontribuzzjoni valida.

(100) Rigward l-ewwel dubju li tqajjem mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet Franċiżi jindikaw li l-ħlas lura ta' għajnuna inkompatibbli ma jistax ikun, *a priori*, ikkwalifikat bħala spiża għar-ristrutturar (u lanqas bħala sforz proprju tal-impriża benefiċjarja skont il-paragrafi 43 u 44 tal-linji gwida għar-ristrutturar). Huwa għal din ir-raġuni li ma għaddewhx mal-ispejjeż għar-ristrutturar. Madankollu, huma jindikaw li, ovvjament, dan il-ħlas lura, ikkalkulat għal madwar EUR [25-30] miljun (inklużi l-imgħaxijiet), huwa integrat fil-pjan kummerċjali mehmuż man-notifika bħal kull spiża finanzjarja oħra normali. Il-Kummissjoni taħseb li huwa indispensabbli li l-ħlas lura jiġi kkunsidrat fil-pjan kummerċjali, li huwa l-każ hawnhekk ([38]). Rigward il-kwistjoni jekk dan il-ħlas lura għandux jiġi kkunsidrat uffiċjalment bħala spiża għar-ristrutturar skont il-paragrafu 43 tal-linji gwida għar-ristrutturar, il-Kummissjoni tosserva li anke jekk huwa l-każ, dan il-fatt mhux ser ikollu bħala effett li jnaqqas il-kontribuzzjoni proprja tal-benefiċjarju sa taħt il-50 % rikjesti mill-paragrafu 44 tal-linji gwida għar-ristrutturar. Fil-fatt, anke jekk il-ħlas lura tal-għajnuna bl-imgħax kien inkluż bħala spiża għar-ristrutturar - li fil-fatt jammontaw għal madwar EUR [75-100] miljun -, l-effett ta' dan ikun li jonqos aktar is-sehem tal-ispejjeż għar-ristrutturar iffinanzjat mill-għajnuna u jiżdied is-sehem ta' dawn l-ispejjeż iffinanzjat mill-benefiċjarju ([39]) u l-azzjonisti tiegħu. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li l-Kummissjoni tagħti l-opinjoni tagħha dwar din il-kwistjoni.

([37]) Ittra tal-awtoritajiet Franċiżi tal-15 ta' Frar 2008.

([38]) Fid-Deċiżjoni tagħha 2006/747/KE, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-fatt li l-pjan għar-ristrutturar sottomess ma kienx jinkludi l-ħlas lura ta' għajnuna inkompatibbli li rċeviet l-impriża jikkonferma l-konklużjoni li dan il-pjan ma jippermettix li terġa' tiġi stabbilita il-vijabilità tal-impriża fuq żmien twil.

([39]) Is-self mill-bank kollu msemmi qabel ta' [30-35] miljun f'dan il-każ ikun meqjus bħala kontribuzzjoni proprja.

(101) Id-dubji mqajma mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-fluħ tal-proċedura għalhekk twarrbu u l-Kummissjoni tikkonkludi li l-"isforz proprju tal-benefiċjarju" u tal-azzjonist tiegħu huwa aktar minn 50 % tal-ispejjeż għar-ristrutturar, bħal m'huwa mitlub għall-impriżi kbar mill-paragrafu 44 tal-linji gwida għar-ristrutturar.

(102) Fir-rigward tal-affermazzjoni tal-kompetitur li talab li jibqa' anonimu li l-għajnuna mhijiex limitata għall-minimu għaliex FagorBrandt jista' jikseb xi finanzjamenti mill-azzjonist tiegħu u mill-grupp li jagħmel parti minnu, il-Kummissjoni diġà tat risposta għaliha qabel fl-analiżi tal-eliġibilità tal-impriża.

(103) Fl-aħħar nett, minbarra l-verifika tal-ħarsien tal-kriterju formali ta' kontribuzzjoni proprja ta' aktar minn 50 %, il-Kummissjoni evalwat ukoll jekk l-għajnuna kinitx limitata għall-minimu, b'mod partikolari fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 45 tal-linji gwida għar-ristrutturar. Il-Kummissjoni temmen li dan huwa l-każ u li l-ammont tal-għajnuna ma jippermettix lill-impriża li jkollha "*assi likwidi aktar minn dawk li hija tista' tiddedika għal attivitajiet aggressivi li jistgħu jipprovokaw distorsjonijiet fuq is-suq li ma jkunux relatati mal-proċess tar-ristrutturar.*" Il-Kummissjoni tosserva li wara l-allokazzjoni tal-għajnuna u wara t-tmiem tar-ristrutturar, il-grupp xorta jkun jibqagħlu djun sinifikattivi.

6.8. **L-implimentazzjoni kompluta tal-pjan**

(104) Il-pjan għar-ristrutturar ta' FagorBrandt, inklużi l-impenji kollha ta' Franza, għandu jkun eżegwit b'mod sħiħ ([40]). Il-Kumissjoni titlob li tiġi infurmata bl-iżvilupp tal-implimentazzjoni tal-pjan kif ukoll bl-impenji relatati miegħu.

7. **KONKLUŻJONI**

(105) L-għajnuna tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq komuni jekk il-kundizzjonijiet kollha imposti jkunu ssodisfati,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għajnuna li Franza qed tippjana li timplimenta favur l-impriża FagorBrandt ta' ammont ta' EUR 31 miljun hija kompatibbli mas-suq komuni bil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 2.

([40]) Bħal ma kien indikat qabel, il-pjan għar-ristrutturar beda fl-2004 u l-maġġoranza tal-miżuri għar-ristrutturar diġà kienu implimentati.

Artikolu 2

1. L-awtoritajiet Franċiżi għandhom jissosspendu l-ħlas tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni lill-impriża FagorBrandt sakemm ma jsirx l-irkupru minn FagorBrandt tal-għajnuna inkompatibbli msemmija fid-Deċiżjoni 2004/343/KE.

2. Il-pjan għar-ristrutturar ta' FagorBrandt, bħal ma kien ippreżentat lill-Kummissjoni minn Franza fis-6 ta' Awwissu 2006 ([41]), għandu jkun eżegwit b'mod sħiħ.

3. FagorBrandt għandu jwaqqaf il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tkessiħ, tat-tisjir u tad-dishwashers tal-marka Vedette għal żmien ta' ħames snin, li għandu jibda l-aktar tard seba' xhur wara d-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

4. Sabiex jiġi żgurat li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu, Franza għandha tinforma lill-Kummissjoni, permezz ta' rapporti annwali, fuq is-sitwazzjoni tal-iżvilupp tar-ristrutturar ta' FagorBrandt, fuq l-irkupru tal-għajnuna inkompatibbli deskritta fil-paragrafu 1, fuq il-ħlas tal-għajnuna kompatibbli, u fuq l-implimentazzjoni tal-miżuri kompensatorji.

Artikolu 3

Franza għandha tinforma lill-Kummissjoni, fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni, bil-miżuri li ttieħdu sabiex tkun konformi magħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kummissjoni

Neelie KROES

Membru tal-Kummissjoni

([41]) Żball materjali: aqra "2007" minflok "2006".